



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



Mihails KOZLOVS

Imwielel fi Preiļi, il-Latvja, fl-1976

Edukazzjoni

Diploma universitarja, Awditjar tal-organizzazzjonijiet u tal-politiki pubbliċi, l-Università ta' Lorraine

MBA Eżekuttiv, City University London, Cass Business School, bl-unuri

Masters fix-Xjenzi Soċjali, l-Università tal-Latvja

Baċellerat fix-Xjenzi Soċjali, l-Università Teknika ta' Riga

Eurofaculty, l-Università tal-Latvja

Esperjenza professjonali

Minn Mejju 2016:

Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

- o Attwalment jaħdem fl-Awla IV - "Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva". Membru Relatur għall-awditi/għar-rieżaminar dwar il-finanzjament mill-UE għal Euronews, l-Oqfsa etiċi fl-istituzzjonijiet tal-UE, il-Kontroll tal-għajnuna mill-Istat għall-istituzzjonijiet finanzjarji, l-Assi spazjali tal-UE, il-Ġlieda tal-UE kontra l-ħasil tal-flus, l-Osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u l-Kapitolu 4 "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" tar-Rapporti Annwali 2018, 2019 u 2020. Membru tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar u Membru Supplenti tal-Kumitat Amministrattiv. Membru tal-Bord Konsultattiv dwar l-Istrateġija u l-Prospettiva inkarigat mill-Istrateġija tal-Qorti 2021-2025. Rappreżentant tal-Qorti fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni tal-Ftehim Tripartitiku bejn il-Qorti, il-Kummissjoni u l-BEI dwar l-arranġamenti tal-awditjar. Attwalment qed jinnegozja Ftehim Tripartitiku ġdid.
- o Minn Mejju 2016 sa Frar 2018 ħadem fl-Awla V - "Finanzjament u Amministrazzjoni tal-Unjoni". Membru Relatur għall-analiżi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, l-opinjoni dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), il-pjan tal-awditjar tal-prestazzjoni għall-FEIS u għall-parteċipazzjoni pubblika fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE, u l-Kapitolu 2 "Ġestjoni baġitarja u finanzjarja" tar-Rapporti Annwali 2016 u 2017. Membru Supplenti tal-Kumitat tal-Etika tal-QEA minn Ottubru 2016 sa Ġunju 2017.

April 2012 sa April 2016:

Viċi Direttur (Ekonomija, Finanzi, Baġit tal-UE - ECOFIN), Konsulent, President tal-grupp ta' ħidma dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi fil-Kunsill tal-Ministri tal-UE u tal-grupp ta' ħidma tal-Konsulenti Finanzjarji matul il-Presidenza Latvjana tal-UE, il-Ministeru tal-Finanzi Latvjan u r-Rappreżentanza Permanenti għall-UE, Brussell

Ottubru 2010 sa April 2012:

Konsulent għad-Direttur tal-Bord Eżekuttiv (rappreżentant tal-Finlandja, in-Norveġja u l-Latvja) fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, Londra

Mejju 2003 sa Ottubru 2010:

Konsulent (ekonomija, finanzi, baġit tal-UE, tassazzjoni) fir-Rappreżentanza Permanenti tal-Latvja għall-UE, Brussell

Jannar 2002 sa Marzu 2003:

Direttur fid-Dipartiment għall-Integrazzjoni mal-UE, Ministeru tal-Finanzi, Riga

Frar 2001 sa Jannar 2002:

Kap tal-Unità għall-Integrazzjoni mal-UE, Ministeru tal-Finanzi, Riga

Jannar 2000 sa April 2000:

Trainee fil-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, Brussell

Jannar 1996 sa Diċembru 1999:

Diversi pożizzjonijiet fil-livell ta' dħul fis-setturi privati u pubbliċi, u fil-qasam akkademiku

Kisbiet, rikonoxximenti

Rikonoxximent mill-Kabinett tal-Ministri tar-Repubblika tal-Latvja, Novembru 2015

Rikonoxximent mill-Prim Ministru għall-kontribut personali għas-suċċess tal-Presidenza Latvjana tal-UE fl-2015, u għall-introduzzjoni tal-euro fil-Latvja fl-2014

Rikonoxximent mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin: kontribut għall-introduzzjoni tal-euro fil-Latvja, fl-2014

Ċertifikat ta' mertu mill-Ministru tal-Finanzi: rappreżentazzjoni u promozzjoni eċċellenti tal-interessi ekonomiċi u finanzjarji Latvjani fl-UE, 2008

Pubblikazzjonijiet

“Sixth edition of the ECA Award – for research on EU added value and public sector auditing”; *il-Ġurnal tal-QEA, Nru 3/2020*

“Auditing the ethical framework of EU institutions: easier said than done”; *il-Ġurnal tal-QEA, Mejju 2019*

“Future EU budget decision-making enters the crucial stage”; *il-Ġurnal tal-QEA, Novembru 2017*

“Professor Mario Monti at the European Court of Auditors: Results of the work of the High Level Group on Own Resources (HLGOR)”; *il-Ġurnal tal-QEA, April 2017*

“European Fund for Strategic Investments (EFSI): the negotiation process”; *Latvian Interests in the EU, Novembru 2015 (bil-Latvjan)*